**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 54**

Il-Ġimgħa 29 ta' Settembru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fid-9:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 54.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Il-minuti li kellhom jitlestew mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienu għadhom mhux lesti għaldaqstant dawn ma ġewx approvati.

## 54.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

n/a

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

n/a

## 54.5 Attivita' Traditions 2023 – Analiżi

54.5.1 Is-Sindku rringrazja lill-voluntiera kollha li ħadu sehem fl-attivita *Traditions* nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 2023. Irringrazzja wkoll lill-Kunsilliera. L-attivita' kienet suċċess bħas-snin ta' qabel.

54.5.2 Il-Kunsill għażel id-data ta' tal-14 ta' Settembru 2024 għall-attivita' ta' *Traditions: Wine, Olive Oil & Honey* għas-sena 2024.

54.5.3 Bands – Il-Kunsilliera pproponew bħala bands lill-Cash & Band, Jars (Dj Ganni Zammit), Freddie Portelli u Ozzy Lino. Sar qbil unanimu fuq din id-deċiżjoni.

## 54.6 Jum l-Għasri

54.6.1 Nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 2023, ser issir quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkazzjoni ta' Jum l-Għasri.

## 54.7 Inawgurazzjoni Playing Field

54.7.1 Is-Sindku ppropona li jitwaħħlu tabelli sabiex ma jdaħħlux klieb fil-playing field. Il-Kunsilliera qabblu ma din il-proposta.

54.7.2 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace ppropona illi nikkomunikaw mal-kuntrattur li ħa s-subflooring fil-playing field sabiex jitjieb l-aċċess għall-wheelchairs u pushchairs. Il-Kunsilliera jaqblu ma din il-proposta.

54.7.3 Il-Kunsill jaqbel li ssir komunika mal-kuntrattur li ħa l-kuntratt tal-playing

field sabiex isir ix-xogħol li għandu jsir hekk kif mifthiem mal-Kunsill, rigwardanti Health and Safety.

54.7.4 Il-Kunsill qabel illi jittieħed parir professjonali dwar it-tabelli li hemm bżonn isiru fil-playing field. Għanda tiġi rranġata wkoll ix-xatba biex tkun sigura.

**54.8 Clean Up The World**

54.8.1 Il-Kunsill qabel li jibgħat il-claim tal-clean up lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali.

**54.9 Triq Wied Sara**

54.9.1 Is-Sindku indirizza lir-residenti li joqgħodu fi Triq Wied Sara li kienu preżenti u spjega il-proċess tax-xogħolijiet li ser isiru.

54.9.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kuntrattur tat-tender ta' Triq Wied Sara li sejjer iżomm l-istess rati li hemm fit-tender u fil-każ li jaqbżu l-kwantitajiet kwotati fit-tender.

54.9.3 Irċieva wkoll korrispondenza mingħand il-Perit Mario Cordina bl-ammonti rivisti.

54.9.4 Il-Kunsill jaqbel li għandha ssir laqa' mad-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex tiġi diskussa din is-sitwazzjoni.

**54.10 Materji Oħra**

54.10.1 Sar qbil li ssir bankina ġdida fi Triq il-Ġonna.

54.10.2 Is-Sindku ġie infurmat li l-impjegata tal-Kunsill Marvic Attard Briffa ma kienitx qed titħallas il-bonus dovut lilha skont il-liġi u għalhekk għandha tiġi kkalkulata pro rata u titħallas skont il-liġi.

54.10.3 Il-Kunsillier Sammy Saliba semma' periklu bin-nuqqas ta' tappieri fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li jixtri t-tappieri biex jiġi evitat tali periklu u l-Kunsillier Sammy Saliba ser jikkuntattja persuna.

54.10.4 Il-Kunsillier Sammy Saliba ippropona li jinxtara drapp ta' madwar ħames mitt ewro (€500) biex jintuża għall-attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

54.10.5 Il-Kunsillier Sammy Saliba ippropona li jinxtraw pjanti biex jitħawwlu fil-*pots* eżistenti quddiem il-knisja. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

54.10.6 Event tal-Milied – 22 ta' Diċembru 2023 fis-6:30pm – Għasri Christmas Event 2023.

54.10.7 Il-Kunsilliera Liza Mintoff issuġġeriet li ssir ħarġa għall-anzjani bil-kollaborazzjoni tal-parroċċa. Il-Kunsilliera jaqblu ma din il-proposta u ser jiġi pprovdut t-trasport mill-Kunsill.

54.10.8 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff ippropona li jsir *major patching* fi Triq il-Qadima peress li daħlu rapporti ta' ħofor u l-kunsill qabel li x-xogħol isir mill-kuntrattur tal-kunsill.

54.10.9 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff issuġġerixxa li jiġi nkarigat accountant sabiex jiġi jassigura li l-sottomissjonijiet u l-pagamenti lill-entitajiet konċernati jiġu mimlija.

54.10.10 Il-Kunisillier Sammy Saliba ssuġġerixxa li jitranġa *r-retaining wall* fi Triq il-Gallina.

**54.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

54.11.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-53.

**54.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

54.12.1 Il-laqgħa ntemmet fl-10:30 ta' filgħaxija,. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru, 2023 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati l-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |